MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 959/2013

**Helen Vella**

**vs**

**Daria Azzopardi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Helen Vella (ID 77367M) datat 7 ta' Ottubru 2013 fejn esponiet:-

Illi hija s-sid ta’ appartament numru sitta (6) Ariana Court Triq l-Imgiebah Xemxija San Pawl il-Bahar liema appartament jinsab fit-tieni sular kif ukoll ta' *basement garage* fl-istess blokk ta' appartament.

Illi l-intimata tirrisjedi fl-istess blokk ta' appartamenti fil-fond li jinsab appartament numru tnejn (2) Ariana Court Triq l-Imgiebah Xemxija San Pawl il-Bahar liema appartament jinsab fi ground floor.

Illi l-intimata ghandha bitha mal-istess fond.

Illi l-attrici akKwistat dan l-appartament u l-*garage* qabel ma l-intimata aKkwistat l-appartament taghha

Illi meta xtrat l-appartament u l-*garage* l-attrici, dan il-perspex fil-bitha kien hemmhekk u kien hemmhekk ukoll meta xtrat l-appartament taghha l-intimata.

Illi sas-17 ta’ Awwissu 2013 l-intimata kienet ghadha ma ghamlet ebda tibdil u kien fis-26 ta’ Awwissu 2013 meta l-gara taghha certu Karen Micallef Hawkes li infurmata li ghadha gejja mis-safar u indunat b'dawn ix-xoghlijiet li ghamlet l-intimata.

Illi l-intimata minn dejjem kellha l-bitha taghha mghottija bil-perspex izda lejn l-ahhar ta' Awwissu 2013 l-intimata qabdet u nehhiet dan is-saqaf tal-perspex u minflok ghamlet saqaf tal-gebel b'dan li ma tistax tghaddi arja/ventilazzjoni u dawl ghall-*garage* tar-rikorrenti attrici.

Illi ghalkemm interpellata biex terga' taghmel Is-saqaf tal-perspex kif inhi, il-konvenuta intimata baqghet tirrifjuta sallum.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponent titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimata kkommettiet spoll abbuziv, klandestin u illegali meta bniet s-saqaf bil-gebel fil-fond li jinsab appartament numru tnejn (2) Ariana Court Triq l-Imgiebah Xemxija San Pawl il-Bahar;

2 Tikkundanna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, tnehhi l-imsemmija saqaf tal-gebel li ghamlet fl-istess fond u tippristina l-imsemmi saqaf bil-perspex kif kien qabel u li fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti li taghmel x-xoghlijiet rimedjali huma stess a spejjez tal-intimata;

Bl-ispejjez, kontra l-intimata li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Novembru 2013.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2013 (fol 9) fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Anna Mallia ghar-rikorrenti. Peress li kien jonqos in-notifika tal-intimata, il-Qorti halliet il-kawza ghal dan l-iskop u awtorizzat lir-rikorrenti biex tinnofikaha wara l-hinijiet legali u fin-nuqqas

ta’ notifika wara l-hinijiet legali, permezz tal-procedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni f’ gazzetta wahda lokali. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghas-16 ta’ Jannar 2014.

Rat li l-intimata Daria Azzopardi giet notifikata bir-rikors, bid-digriet u bl-avviz ghas-smigh fl-10 ta’ Dicembru 2013 kif jidher *a tergo* ta’ fol 10 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Jannar 2014 (fol 19) fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Anna Mallia ghar-rikorrenti prezenti li tat ruhha b’ notifikata bl-avviz tas-smigh tal-kawza. Deher Dr Andrew Grima ghall-intimata prezenti. Dr Anna Mallia  ddikjarat li r-risposta guramentata giet ipprezentata tardivament. Billi irrizulta lill-Qorti li kien skada t-terminu mpost mil-ligi meta giet pprezentata r-risposta guramentata, ordnat l-isfilz ta’ din ir-risposta u qieset li l-konvenuta hija kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Dr. Mallia ipprezentat nota b’ affidavit u iddikjarat li ma fadlilhiex provi ohra. Il-Qorti awtorizzat lill-attrici sabiex tipprezenta n-nota ta’ sottomissjonijiet sas-27 ta’ Frar 2014 bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu sas-27 ta’ Marzu 2014 biex iressaq ir-risposta tieghu bil-visto tal-kontro-parti.

Rat in-nota ta’ sosttomissjonijiet tal-attrici datata 26 ta’ Frar 2014 a fol 42 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijet tal-konvenuta Daria Azzopardi datata 27 ta’ Marzu 2014 a fol 48 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Gunju 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Anna Mallia ghall-attrici prezenti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr. Anna Mallia u ta' Dr Andrew Grima li giet registrat fuq is-sistema elettronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Lulju 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza ta' spoll privileggjat fejn l-attrici qed tallega li l-intimata ikkommettiet spoll meta bniet saqaf bil-gebel fil-fond ossia appartament numru tnejn (2) *Ariana Court,* fi Triq l-Imgiebah, Xemxija, San Pawl il-Bahar. L-attrici tghid li hija s-sid tal-appartament numru sitta (6) kif ukoll *basement garage* fl-istess blokk. Lejn l-ahhar ta' Awwissu 2013 l-intimata qabdet u nehhiet is-saqaf tal-*perspex* u minnflok ghamlet saqaf tal-gebel b'mod li ma tistax tghaddi l-arja/ventilazzjoni u dawl ghall-*garage* tar-rikorrenti.

Illi l-intimata hija kontumaci.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

L-attrici hija s-sid ta' appartament bin-numru 6 fi blokk bl-isem *Ariana Court,* fi Triq l-Imgiebah, Xemxija, kif ukoll ta' *garage* fil-*basement* tal-blokk. L-intimata hija s-sid tal-appartament numru 2 fl-istess blokk li jinsab fil-*ground floor level* u li ghandu bitha mieghu. Kien hemm

*perspex* fil-bitha li jigi fis-saqaf tal-*garage* tal-attrici li kien mgholli biex tghaddi l-arja u ventilazzjoni kif ukoll id-dawl ghal gol garaxx tal-attrici.

**Rizultanzi**

**L-attrici Helen Vella** xehdet b'affidavit[1] u qalet li l-bitha tal-konvenuta tigi fuq is-saqaf tal-garaxx taghha. Meta xtrat l-appartament u l-garaxx taghha, fil-bitha imsemmija kien hemm *perspex* mghollija mill-gnub sabiex thalli l-arja ghall-ventilazzjoni. Hi affermat li l-konvenuta xtrat il-fond taghha f'dan l-istat.

Hi ikkonfermat li sas-17 ta' Awwissu 2013 l-konvenuta kienet ghadha ma ghamlet l-ebda tibdil izda fl-24 ta' Awwissu 2013 Joseph Cachia qalilha li meta dahal fil-*garage* sab li minnflok il-*perspex* tpoggew xorok tal-gebel li ghalqu l-garaxx kompletament. L-intimata ghamlet dan ix-xoghol minghajr ma infurmat lil hadd.

Xehdet wkoll **Karen Debono**[2] li qalet li hija s-sid ta' *garage* f'*Ariana Court* u li fis-17 ta' Awwissu 2013 il *perspex* li kien jghatti x-*shaftijiet* taghha u tal-attrici kien ghadu fil-post izda fil-gimgha bejn it-18 ta' Awwissu 2013 u t-28 ta' Awwissu 2013 l-intimata nehhietu u ghamlet saqaf tal-knaten. Dan gie kkonfermat mis-sid tal-appartament numru erbgha (4) fl-istess blokk, **Marianne Lassus**[3]**. Joseph Cachia**[4] ukoll ikkorrobora din il-verzjoni. Xehed li :

[1] Fol.31 tal-process.
[2] Affidavit a fol. 39 tal-process.
[3] Affidavit a fol. 40 tal-process.
[4] Affidavit a fol. 41 tal-process

"*Kemm ili naf lill-attrici Helen Vella ghal dawn l-ahhar tmien snin, li tirrisjedi f'appartament numru sitta (6) tal-istess blokka imsemmija hawn fuq dejjem naf li kien hemm parti mis-saqaf tal-garage semi-basement fuq in-naha ta' wara mghotti bil-perspex, li kien elevat mill-gnub biex tidhol l-arja u d-dawl."* Hu u l-attrici kellmu lil intimata biex terga' taghmel kollox kif kien, li, izda qaltilhom li ma kellhiex intenzjoni tnehhi l-gebel.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' Dritt</u>**

**<u>Kontumacja</u>**

L-intimata hija kontumaci peress li pprezentat ir-risposta taghha tardivament. B'daqshekk biss ma jfissirx li hi abbandunat kull eccezzjoni li setghet taghti fil-kawza u ammetta d-domanda (**Vol. XXIX P III p 35**). Indipendentement mill-istat kontumacjali tal-konvenuta il-gudikant xorta wahda jehtieglu jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata u jekk l-attur ikunx wasal ghal dak il-grad ta' prova rikjest mil-Ligi.

***<u>Actio Spolii</u>***

Illi l-kawza esperita hija wahda ta’ spoll privileggjat *ai termini* tal-**Artikolu 534 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li

jfisser li “*ma ghandux jitqies hlief il-pussess jew detenzjoni*

*tal-ispoljat u l-ispoll tal-ispoljatur*” (“***Salvatore Abela –vs-***

***Gisueppe Barbara****”*, Prim’Awla, Qorti Civili, 27 ta’ Frar

1946, a Vol XXXII pII p238).

Illi skont l-istess artikolu, u a bazi ta’ gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-elementi vitali ta’ din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti:-

(i) *Possedisse*

(ii) *Spoliatum fuisse*

(iii) *Infra bimestre deduxisse*

Riferibbilment ghat-tielet kwesit din il-kawza giet intavolata fis-7 ta' Ottubru 2013 u ghalhekk anke jekk wiehed jiehu l-ewwel data imsemmija mill-attrici, cioe`, is-17 ta' Awwissu 2013, il-kawza saret fit-terminu legali ta' xaharejn.

Illi dan kollu gie rilevat f’diversi sentenzi fosthom “***Margherita Fenech vs Pawla Zammit***” (12-4-1958, vol. XLII D.11. 973); “***Caterina armla Galea vs Joseph Vella***” (23-6-1965 per Onor. Dr. Edoardo Magri) u f’ “***Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef”*** (30-4-1991 JSP).

Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti pronuncjata jirrizulta li *“materja ta’ din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra dik li tistabilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll … … stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna”.* (**“*Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone”*-**A.C. 9 ta’ Marzu 1992).

Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi *"din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija intiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss-kif jghid bl-iktar mod car l-**artikolu 791 (1), Kapitolu 12**, li sfortunatament jigi hafna drabi injorat".*

Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u *"de facto"* tant li gie ritenut ukoll li:-

*"hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto', ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' propjeta' jew ta' servitu` fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni".* (**"*Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier"*-**(A.C. 12 ta' Dicembru 1952) ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt **"*Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna*"-**(P.A. 21 ta' Frar 1983) u **"*Marthese Borg vs George Borg"*-**(25 ta' Frar 1983), u mhux wiehed ta' mera tolleranza ***"Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri*-**(A.C. 26 ta' Jannar 1996).

Illi fil-fatt kull pussess, *benche*` ippruvat huwa prottett tant li f'din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessuri ta' *mala fede* u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll. (**"*Saverio Farrugia vs Eugenio Borg*"** P.A. 31 ta' Marzu 1952).

Illi jrid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu li jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza ***"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"*** (P.A. 24 ta' Jannar 1958):-

*"Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta` tal-ispoljat; u l-att jkun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta` tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att".*

Illi dan kollu jistabilixxi l-azzjoni tal-ispoll bhala azzjoni intiza ghaz-zamma tal-ordni pubbliku u ghar-*rule of law* tant li gie ritenut fis-sentenza ***"Giuseppe Muscat vs Assunta Farrugia"*** (A.C. 24 ta' Novembru 1957) li:-

*"L-azzjoni ta' reintegrazzjoni hija fondata fuq l-ezigenzi tal-utilita` socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja; hija intiza ghall-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess sabiex jigi mpedut li c-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh, b'mod li ghandha bhala fini r-restawrazzjoni tal-pussess skonvolt jew turbat… si tratta ta' dispozizzjoni ta' ligi eminentement ta' ordni pubbliku, li ma tirrikjedix, generalment, il-vjolenza fuq il-persuna li tkun tiddetjeni l-haga jew li tkun tgawdi d-dritt, imma l-istess hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma setax jezercitah u jezercieh minghajr l-intervent tal-Qorti."*

Illi dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati fis-sentenza ***"Francesco sive Frank Busuttil vs Giacchino sive Jack Scerri proprju et nomine"*** (A. C. 6 ta' Ottubru 2000) inghad li:-

*"Kwantu ghall-element tal-pussess, ghall-azzjoni ta' spoll, bizzejjed li jkun hemm pussess ta' kull xorta; kwindi tant il-pussess materjali 'di fatto', kemm il-pussess legittimu minghajr il-materjali detenzjoni tal-haga kif ukoll il-pussess 'di diritto' ta' min ikun akkwista l-haga".*

Illi fis-sentenza **"*Carmelo Grima et vs Maria Baldacchino et"*** (A. C. 19 ta' April 1999) inghad li:-

*"Li kienet pero' tenuta tistabilixxi l-Qorti fl-azzjoni possessorja kien biss il-kwalita` ta' pussess li minnu l-atturi gie provat li gew spoljati u mhux jekk dawn kellhomx tali pussess bi dritt"....*

*"Il-pussess mehtieg fil-kawza ta' spoll 'de recenti' huwa l-pussess materjali u di fatto jew ahjar kwalunkwe pussess, ikun x'ikun, u mhux mehtieg li l-attur jipprova li ghandu dritt ta' proprjeta' jew ta' servitu` jew xi titolu iehor fuq il-haga posseduta minnu u li minnha huwa gie spoljat vjolentement jew klandestinament. L-ispoljat ghandu d-dritt li jinsisti li l-haga ghandha tigi rimessa fl-istat li kienet qabel salv ir-ragunijiet li f'gudizzju petitorju jikkompetu lill-ispoljant, u l-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku, irid ikun manifest".* (**"*Gio Maria Tonna vs Giuseppe Maria Tonna*" -** P.A. 21 ta' Frar 1993; u **"*Francesco Busuttil vs Giacchino Scerri et"-***A.C. 6 ta' Ottubru 2001.

B'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-fatti tal-kaz, il-Qorti hija soddisfatta li l-attrici irnexxielha tipprova li sas-17 ta' Awwissu 2013, kellha l-pussess tas-saqaf in kwistjoni u kienet qed taghmel uzu minnu billi tgawdi minn dawl, arja u ventilazzjoni minhabba li s-saqaf in mertu kien maghmul bil-*perspex* mgholli mill-livell tas-saqaf.

L-intimata ssottomettiet li l-art tal-bitha hija proprjeta' in assoluta taghha u l-attrici qatt ma kellha xi forma ta' pussess fuq din l-art. Din is-sottomissjoni timpingi fuq materja petitorja li mhiex ammissibbli fl-*actio spolii.* L-eccezzjoni tal-legittimita' tal-att mhiex ammissibbli f'indagni dwar spoll. Dan il-hsieb gie espress fil-kawza "***Alfredo Delia vs Bonoventura Schembri et*"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Frar 1958, fejn intqal: "*l-ispoljant ma jistghax jirrispondi in difesa li dak li ghamel kien att legittimu ghaliex l-indagini tal-legittimita` jew le hija rizervata ghall-gudizzju petitorju".*

Aktar ta' rilevanza hija s-sottomissjoni tal-abbli difensur tal-konvenuta li l-attrici kienet biss qed tiddetjeni fuq mera tolleranza. Kif gie ribadit mill-Qorti ta' l-Appell "*L-atti ta' mera tolleranza ma jistghux iservu ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess* (Vol XXXVII. P.I. p. 280) **"Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri *proprio et nomine*"** (Dec-fis-26 ta' Jannar 1996). Madanakollu l-onere tal-prova jinkombi fuq l-intimata gjaladarba trid twarrab il-prova ta' pussess imressqa mill-attrici. Kif gie osservat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kaz recenti "***Victoria Calleja v Godfrey Zammit et.*" (**dec.fil-11 ta' Frar 2014) "*Jinsab preċiżat, kemm dottrinalment kif ukoll fil-ġurisprudenza, illi l-atti ta' tolleranza huma dawk li għandhom insit fihom elementi ta' transitorjeta` u saltwarjeta` u jsibu oriġini mir-rapport ta' ħbiberija,familjarita` u l-buon vicinat (Kollez. Vol. XL p.I, p.534).Għalkemm id-durata mhux bil-fors indikazzjoni ta'assenza ta' tolleranza, iż-żmien jintegra fih element preżuntiv in bażi għal liema tista' tiġi negata s-sussistenza tas-sempliċi tolleranza.....Għalkemm l-atti ta'*

*tolleranza huma komuni fost il-ġirien ma jfissirx li kull ħaġa permessa minn ġar lill-ieħor tkun saret neċessarjament fuq bażi ta' tolleranza*."

Dwar il-pussess tal-attrici tajjeb issottomettiet l-abbli difensur tal-attrici li l-pussess ikkawtelat mil-Ligi jista' jkun pussess ta' dritt u mhux bilfors pussess ta' haga materjali u tangibbli. (Ara "***Ian Guirey et vs Anton Simon***"-PAJRM-dec. fit-12 ta' Marzu 2008). Interessanti f'dan ir-rigward huwa dak li ntqal fil-kawza "***Nicholas Micallef vs Henry Pace***[5] "meta l-ligi mbaghad issemmi l-pussess "*ta' liema xorta jkun" b'dan riedet tfisser li l-protezzjoni taghha kienet intiza mhux biss ghall-hwejjeg korporali, izda anke ghad-drittijiet u hwejjeg inkorporali peress li dawn ukoll huma suggettivi ta' pussess, kif jista' jidher mill-artikoli 310, 315 u 524 tal-Kodici Civili, fejn dawn jittrattaw dwar jeddijiet, ad exemplum, is-servitujiet.*" Ara wkoll fir-rigward decizjoni fl-ismijiet ***"Giuseppe Bugeja Bonnici vs Carmelo Grima,"-***Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fl-20 ta' Frar 1948.

Lanqas mhu mehtieg l-*animus spoliandi* biex tirnexxi l-azzjoni odjerna, kontrarjament ghal dak sottomess mill-intimata. "*It-tieni element li jrid jigi ippruvat fl-actio spolii, hu li l-atturi effettivament gew spoljati mill-pussess taghhom – l-att ta' spoll jew molestja – spoliatum fuisse. Illi hawnhekk, hu bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens, espress jew tacitu, ghal min isofri l-ispoll*" *– Ara* **"Carmelo Rosario Dimech vs Antonia Fenech *et*"** (Prim' Awla, 26 ta' Jannar 1957); u **"*Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott*"** (Appell Civili, 2 ta' Dicembru 1955).

Fl-azzjoni ta' spoll privileggjat, l-'animus spoliandi' ma jidholx u l-Qorti, m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni jekk il-konvenuti kellhomx l-intenzjoni li jispoljaw. *Fil-kawza "***Philip Grima vs Joseph Mifsud noe***

[5] PA PS-deciza fil-31 ta' Jannar 2003

***et"*** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Civili 646/88 fit-28 ta’ Novembru, 2003 inghad li *"wiehed irid jara biss jekk oggettivament kienx hemm att spoljattiv (spoliatum fuisse). Ghalhekk, huwa irrelevanti jekk kienx hemm animus spoliandi*."

Din il-Qorti hija ghalhekk soddisfatta li l-elementi rikjesti sabiex tirnexxi din l-azzjoni gew ippruvati soddisfacentement. Il-verzjoni tal-attrici hija sorretta bix-xhieda tal-girien li kkonfermaw il-fatti allegati u anke li kienet l-intimata li nehhiet il-*perspex*. Anzi f'dan ir-rigward hemm ammissjoni da parti tal-intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha fejn, izda, tghid li dan tnehha fl-ewwel gimgha ta' Awwissu.Dwar it-terminu bimestrali ghalkemm qed tghid li l-azzjoni saret *fuori termine* l-intimata ma ressqet l-ebda prova biex tirribatti l-provi attrici u ghalhekk, rinfaccjata b'tali nuqqas, il-Qorti ser toqghod fuq il-provi fl-atti.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **Taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-intimata, **Tilqa'** it-talbiet attrici billi:-

1 **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimata kkommettiet spoll abbuziv, klandestin u llegali meta bniet s-saqaf bil-gebel fil-fond li jinsab appartament numru tnejn (2) Ariana Court Triq l-Imgiebah Xemxija San Pawl il-Bahar;

2 **Tilqa'** it-tieni talba attrici u tikkundanna lill-intimata sabiex f'terminu perentorju ta' xaharejn millum tnehhi l-imsemmija saqaf tal-gebel li

ghamlet fl-istess fond u tippristina l-imsemmi saqaf bil-perspex kif kien qabel u fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti li taghmel x-xoghlijiet rimedjali hi stess a spejjez tal-intimata.

L-ispejjez jithallsu (*) ~~mir-rikorrenti~~ mill-intimata.

*(*) korrezzjoni awtorizzata b'digriet tas-7 ta' Awwissu 2014.*

***Josette Demicoli***

***Deputat Registratur***

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------